Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2013

Rikors Numru. 41/2013

**Joseph Lebrun**

**Vs**

**Avukat Generali**

Permezz ta' rikors prezentat fis-6 ta' Gunju 2013 ir-rikorrent ghamel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs Joseph Lebrun li qeghda tinstema' quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja. L-ilment tar-rikorrent huwa li waqt is-seduti mhu jsir xejn minkejja li ghaddew is-snin. Fir-rikors jinghad li wara d-digriet tat-3 ta' Mejju 2007 li kien inghata mill-Qorti Kriminali, *"[….] saru numeruzi rinviji u li id-difiza fis-segwenti udjenzi gabet is-segwenti ilment a formali konjizzjoni tal-Qorti kif ukoll a konjizzjoni ta' l-Avukat Generali"*. Ir-rikorrent qieghed isostni li d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq gie

miksur meta tqies li dawn il-proceduri ilhom pendenti ghal kwazi tmien snin u dan qieghed icahhad lill-esponent milli jkollu smiegh xieraq fi zmien ragonevoli. Dan bi ksur tal-Artikolu 6 u 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta. Ghalhekk qieghed jitlob lill-qorti sabiex:-

1. Tiddikjara l-process kriminali qed jilledi d-drittijiet fundamentali ta’ l-esponent ghal smiegh xieraq (Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni).
2. Tordna t-twaqqif immedjat ta’ dawn il-proceduri.
3. Taghti dawn il-provvedimenti xierqa u necessarji sabiex jigu protetti d-drittijiet inerenti u kostituzzjonali tar-rikorrent.

L-Avukat Generali wiegeb (fol. 8) li:

*1. Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrent fis-sens illi ‘il-proceduri li ilhom ghaddejjin għal kwazi tminn snin iddilungaw ruhhom inutilment u irragonevolment b’tali mod li l-esponent mhux qed ikollu process fi zmien ragonevoli skond kif sancit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta” huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet li qed jigu hawn elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:*

*2. Illi huwa pacifiku li d-dritt għal smiegh xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalità tal-proceduri kollha kif ukoll illi l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smigħ ta’ proċess eccediex il-parametri tas-smigħ fi żmien ragonevoli huwa l-komplessita’ tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-aġir ta’ l-awtorita’ jew awtoritajiet relevanti – f’dan il-kaz l-aġir ta’ awtorita’ gudizzjarja;*

*3. Illi jirrizulta car mill-atti tal-proċess kriminali ‘**il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara u Spettur Dennis Theuma) Joseph Lebrun’** li ma kien hemm l-ebda dewmien irragonevoli kif allegat mir-rikorrenti u dan specjalment izda mhux biss tenut kont il-kumplessita tal-kaz, in-numru ta’ xhieda fosthom esperti li xehedu matul il-proċeduri, u*

*ċertu testijiet forensici li jiehdu ż-żmien b'dan illi kull allegazzjoni da parti tar-rikorrenti li ġie lez id-dritt taghhom għall-smiegh xieraq fi zmien ragonevoli a tenur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja hija bir-rispett kollu infondata u insostenibbli;*

*4. Illi di piú, matul il-proċeduri kriminali surriferiti saru zewġ referenzi lill-Qrati Kostituzzjonali: (1) '**Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara) Vs Lebrun Joseph**' (Rik Nru 16/2006/1) deċiza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta' Frar 2007; u (2) '**Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara) Vs Joseph Lebrun**' (Rik Nru 53/2007) deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 t' April 2008;*

*5. Illi mhux minnu li 'minn dakinhar sa llum ghad li ghaddew sitt snin, ma ngiebet l-ebda ombra ta' prova gdida u rinviju wara l-iehor ma jsir assolutament xejn ta' sustanza peress illi ma tressqu ebda provi' kif qieghed jallega r-rikorrent. Effettivament, wara li rega gie arrestat ir-rikorrent in segwitu ghad-decizjoni tal-Qorti Kriminali tat-3 ta' Mejju 2007, xehedu Joseph Zammit, Dr Veronica Aquilina, WPC119 Cynthia Harber u PC94 Jack Farrugia fl-udjenza tad-29 ta' Ottubru 2007, PC599 Clive Mangion fl-udjenza tat-28 ta' Ottubru 2008, il-Perit Richard Aquilina fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2010 u is-Supretendent Silvio Valletta fl-4 ta' Marzu 2011;*

*6. Illi inoltre, fl-udjenza tat-2 ta' Marzu 2010 il-prosekuzzjoni, b'referenza ghar-rapport tal-espert Marin Bajada a fol 383, talbet li l-inkarigu tal-imsemmi espert jigi estiz ghat-tielet vuci indikata mill-espert fir-rapport tieghu. Minkejja li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja laqgat din it-talba seduta stante, l-imsemmi espert ghadu ma espletax l-inkarigu moghti lilu, liema prova hija necessarja;*

*7. Illi jsegwi ghalhekk li fic-cirkostanzi partikolari tal-proceduri kriminali surriferiti, kull allegazzjoni li r-rikorrent imputat mhux qed ikollu process fi zmien ragonevoli skond kif sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-*

*Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta hija infondata u nsostenibbli;*

8. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, dato ma non concesso li kien hemm xi dewmien li jeccedi l-parametri tas-smigh fi zmien ragonevoli, dan mhuwiex imputabbli lill-prosekuzzjoni jew lill-Onorabbli Qorti;*

9. *Illi ma hemm lok ghall-ebda rimedju kif mitlub mir-rikorrent.*

**Fatti**.

Fis-6 ta' Novembru 2005 Joseph Lebrun kien tressaq b'arrest u gie akkuzat talli fis-6 ta' Gunju 2005:-

i. assocja ruhu ma' persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina (eroina) f'Malta kontra d-disposizzjonijiet tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
ii. Importa , jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (eroina) f'Malta;
iii. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina;

Permezz ta' digriet moghti fit-23 ta' Novembru 2005 il-qorti kienet ikkonkludiet li m'hemmx ragunijiet bizzejjed sabiex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza, u rrinvijat l-atti ghand l-Avukat Generali skond l-Artikolu 401(2) tal-Kodici Kriminali.

Sussegwentement l-Avukat Generali baghat lura l-atti sabiex ai termini tal-Artikolu 405 tal-Kodici Kriminali il-qorti terga' tisma' lill-ufficjal tal-Pulizija biex jaghtu x-xhieda u tisma' kull prova ohra li ggib il-pulizija. Fil-fatt l-Avukat Generali hareg ukoll mandat ta' arrest fil-konfront ta' Joseph Lebrun datat 7 ta' Dicembru 2005.

Fit-8 ta' Dicembru 2005 l-imputat rega' tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti

Istruttorja u nghata l-helsien taht certu kondizzjonijiet fosthom depozitu ta’ Ewro 11,646.

B’rikors tat-13 ta’ Jannar 2006 li sar quddiem il-Qorti Kriminali, l-imputat talab il-liberazzjoni skond l-Artikolu 602 tal-Kodici Kriminali. Talba michuda b’digriet tat-18 ta’ Jannar 2006.

Fis-seduta tat-22 ta’ Frar 2006 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ddiferiet il-kaz *sine die* wara li laqghet it-talba tal-imputat ghal riferenza kostituzzjonali peress li allega li l-procedura li ntuzat biex l-imputat jerga’ jitressaq il-qorti kien jikser id-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq.

Fid-9 ta’ Frar 2007 il-Qorti Kostituzzjonali tat sentenza fejn irrevokat is-sentenza tal-Ewwel Qorti u ddikjarat li l-procedura ta’ konsultazzjoni fil-privat ta’ l-Avukat Generali ma’ Imhallef maghzul minnu skond l-Artikolu 433(3) tal-Kodici Kriminali flimkien mat-tkomplija tal-kumpilazzjoni, u l-eventwali hrug ta’ att ta’ akkuza x’aktarx ser jiksru d-dritt ta’ Lebrun ghal smiegh xieraq kif garanti bl-Artikolu 39(1) u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

Wara din is-sentenza saret emenda fil-Kodici Kriminali bl-Att VI ta’ l-2007 li dahal fis-sehh fis-27 ta’ April 2007. Dakinhar stess l-Avukat Generali pprezenta rikors lill-Qorti Kriminali fejn talabha tiddikjara li fit-23 ta’ Novembru 2005 kien hemm ragunijiet bizzejjed sabiex Lebrun jitqieghed taht att ta’ akkuza u tordna l-kontinwazzjoni tal-proceduri kontra tieghu skond l-imsemmija ligi.

B’digriet moghti fit-3 ta’ Mejju 2007 il-qorti laqghet it-talba u ddikjarat li:-

*“Dawn il-provi, fl-istragrandi maggoranza taghhom indizzjarji, meta mehuda fl-assjem taghhom, huma bizzejjed biex jindikaw probabilita’ ta’ htija fir-rigward ta’ xi wahda jew aktar mill-imputazzjonijiet dedotti kkontra l-intimat Lebrun fir-rapport tal-pulizija (fol. 1) imwettaq bil-gurament (fol. 7). Huwa dan u dan biss li hu mehtieg li jigi determinat f’dana l-istadju tal-Artikolu 401(2).*

*fit-23 ta' Novembru 2005 kien hemm ragunijiet bizzejjed biex Jospeh Lebrun jitqieghed taht att ta' akkuza, u tordna l-kontinwazzjoni tal-procediment kontra l-istess imputat, intimat f'dawn il-proceduri*.".

Wara l-imsemmi digriet, il-qorti ser tghaddi biex telenka x'jirrizulta mill-verbali tas-seduti. Dan jaghti stampa cara ta' dak li gara tul dawn is-snin li ilhom pendenti dawn il-proceduri:-

- **Fis-17 ta' Mejju 2007** l-imputat rega' deher quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u l-atti gew rinvjati lill-Avukat Generali;
- **Fis-27 ta' Gunju 2007** ma sar xejn peress li jinghad li l-qorti kienet okkupata b'xoghol urgenti;
- B'rikors prezentata fit-18 ta' Gunju 2007 l-Avukat Generali talab lill-Qorti Kriminal li bis-sahha tal-Artikolu 432 tal-Kap. 9 ittawwalu z-zmien sabiex jipprezenta l-att ta' akkuza. B'digriet moghti fit-18 ta' Gunju 2007 il-qorti laqghet it-talba;
- Fit-**13 ta' Awissu 2007** ma sar peress li jinghad li l-qorti kienet okkupata b'xoghol urgenti;
- Fl-**24 ta' Settembru 2007** ma sarx progress ghaliex ma deherux xhieda u l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprezenta r-riferti tan-notifika;
- Fil-**25 ta' Ottubru 2007** l-imputat talab lill-qorti sabiex tordna riferenza kostituzzjonali ghaliex argumenta li meta rega' tressaq il-qorti ghat-tieni darba fuq l-istess akkuzi kien giet miksur l-Artikolu 4 tal-Protokoll numru 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja;
- Fid-**29 ta' Ottubru 2007** il-qorti laqghet talba ghal riferenza kostituzzjonali in konnessjoni mar-rikors tal-25 ta' Ottubru 2007 u ddiferiet il-kaz sine die;
- B'sentenza tal-Qorti Civili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) li nghatat fit-18 ta' Jannar 2008 il-qorti cahdet l-ilment tal-imputat. Joseph Lebrun appella u b'sentenza tat-2 ta' April 2008 il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat l-appell bhala frivolu u vessatorju;

- **Fid-9 ta’ April 2008** ma sar xejn wara li l-qorti gie infurmat li l-ufficjal prosekutur kien impenjat b’xoghol urgenti;
- B’rikors prezentat fit-23 ta’ Mejju 2008 Joseph Lebrun talab lill-qorti biex tissoprasjedi ghaliex kien irrefera l-ilment tieghu quddiem il-Qorti Ewropeja. Mill-atti ma jirrizultax li nghata digriet.
- **27 ta’ Mejju 2008** ma sar xejn. L-ufficjal prosekutur ma attendix ghas-seduta;
- **7 ta’ Lulju 2008** deheru zewg xhieda u ddikjaraw li x-xhieda taghhom kienu fil-process verbal. Il-kaz gie differit;
- **13 ta’ Awissu 2008** x-xhieda regghu ma deherux u l-atti gew rinvijata lill-Avukat Generali;
- **16 ta’ Settembru 2008** x-xhieda regghu ma deherux u l-atti gew rinvijata lill-Avukat Generali;
- **28 ta’ Ottubru 2008** instema’ xhud;
- **11 ta’ Novembru 2008** ma sar xejn. L-ufficjal prosekutur ma deherx. L-atti gew rinvijati ghan l-Avukat Generali;
- **16 ta’ Dicembru 2008** u l-prosekuzzjoni regghet ma ressqitx provi. L-atti intbaghatu lill-Avukat Generali;
- **3 ta’ Frar 2008** rega’ ma sar xejn. Il-qorti giet infurmata li l-Ufficjal Prosekutur kien okkupat b’xoghol urgenti;
- **23 ta’ Marzu 2009** ma sar xejn;
- **5 ta’ Mejju 2009** tista’ tghid li rega’ ma sar xejn ghajr li giet prezentata sentenza. Inoltre l-prosekuzzjoni talbet li jinhatar espert biex jaghmel kopja ta’ *telephone intercepts* li kienu gew esebiti, sabiex jigu prezentati fi procedure ohra. Il-qorti laqghet it-talba u hatret lill-avukat Dr Martin Bajada. Deher Dr Bajada fis-seduta tal-5 ta’ Mejju 2009 u ddikjara li l-inkarigu li kien inghata fil-11 ta’ Novembru 2005 kien gie espeletat bir-rapport esebit fit-18 ta’ Novembru 2005.
- **16 ta’ Gunju 2009** regghu ma nstemghux xhieda u l-qorti giet infurmata li wiehed mix-xhieda kien imsiefer;
- **28 ta’ Lulju 2009** regghu ma nstemghux xhieda. Il-prosekuzzjoni qalet li m’ghandix riferti;
- **31 ta’ Awissu 2009** regghu ma nstemghux xhieda.Il-prosekuzzjoni qalet li m’ghandix riferti;

- **16 ta' Ottubru 2009** regghu ma nstemghux xhieda. Il-prosekuzzjoni qalu li m'ghandhomx riferti;
- **27 ta' Novembru 2009** regghu ma nstemghux xhieda. Il-prosekuzzjoni qalu li m'ghandhomx riferti;
- **18 ta' Jannar 2010** ma sar xejn peress li l-imputat kellu jattendi l-isptar;
- **2 ta' Marzu 2010** instema' xhud. Dakinhar l-ufficjal prosekutur talab li l-inkarigu ta' Dr Bajada jigi estiz ghat-tielet vuci li tinstema' fir-recording. Il-qorti laqghet it-talba minkejja li d-difiza oggezzjonat;
- **20 ta' April 2010** ma deher hadd;
- **8 ta' Gunju 2010** rega' ma sar xejn. Id-difiza talbet l-isfilz ta' Compact Disc;
- **20 ta' Lulju 2010** l-ufficjal prosekutur ma deher u rega' ma sar xejn;
- **31 ta' Awissu 2010** ma sar xejn;
- **18 ta' Ottubru 2010** ma sar xejn. L-ufficjal prosekutur ma deherx;
- **30 ta' Novembru 2010** ma sar xejn. Filwaqt li fir-rinviji tal-Avukat Generali kienu qeghdin jissemmew bhala xhieda il-Maggur Inglott u Kaptan Debono, kien biss f'din is-seduta li l-prosekuzzjoni qalet li dawn kienu diga' xehedu;
- **18 ta' Jannar 2011** ma sar xejn. L-ufficjal prosekutur ma deherx;
- **4 ta' Marzu 2011** xehed l-Ispettur Silvio Valletta;
- **15 ta' April 2011** ma sar xejn;
- **31 ta' Mejju 2011** ma sar xejn;
- **11 ta' Lulju 2011** ma sar xejn. Prosekuzzjoni ddikjarat li m'ghandix ir-riferti;
- **25 ta' Awissu 2011** ma sar xejn;
- **4 ta' Ottubru 2011** ma sar xejn. Rega' nghad li l-prosekuzzjoni m'ghandix riferti;
- **11 ta' Novembru 2011** ma sar xejn. Il-qorti giet infurmata li l-ufficjal prosekutur impenjat fuq xoghol urgenti;
- **21 ta' Dicembru 2011** rega' ma sar xejn;
- **30 ta' Jannar 2012** rega' ma sar xejn;
- **14 ta' Marzu 2012** rega' ma sar xejn. Din kienet l-ewwel darba li d-difiza ndenjat ruhha li tattira l-attenzjoni tal-Avukat Generali sabiex jaghlaq il-provi.

- **24 ta' April 2012** rega' ma sar xejn. Il-Prosekuzzjoni ddikjarat li m'ghandix riferta ta' Dr Bajada;
- **4 ta' Gunju 2012** ma sar xejn;
- **16 ta' Lulju 2012** ma sar xejn u l-ufficjal prosekutur ma deherx;
- **20 ta' Awissu 2012** ma sar xejn;
- **5 ta' Ottubru 2012** ma sarx xejn. L-ufficjal prosekutur ma deherx;
- **14 ta' Novembru 2012** ma sarx xejn. L-ufficjal prosekutur ma deherx;
- **20 ta' Dicembru 2012** ma sar xejn. L-ufficjal prosekutur rega' ma deherx;
- **30 ta' Jannar 2013** ma sar xejn. L-ufficjal prosekutur rega' ma deherx;
- **4 ta' Marzu 2013** ma sar xejn. L-ufficjal prosekutur rega' ma deherx;
- **10 ta' April 2013** ma sar xejn. L-ufficjal prosekutur rega' ma deherx. Id-difensur tal-imputat irrilevat li l-kaz kien ilu pendenti mill-2005;
- **22 ta' Mejju 2013** ma sar xejn. Rega' nghad li l-prosekuzzjoni m'ghandix ir-riferti. Fir-rinviju rega' ssemma l-Maggur Inglott u l-Kaptan Debono, kif ukoll Dr Martin Bajada dwar l-inkarigu moghti lilu fit-2 ta' Marzu 2010;
- **28 ta' Mejju 2013** ma sar xejn. L-ufficjal prosekutur rega' ma deherx;
- **Fl-1 ta' Lulju 2013** gie pprezentat rikors mill-Avukat Generali quddiem il-Qorti Kriminali sabiex ittawwalu z-zmien ghall-prezentata tal-att tal-akkuza bi 15 il-jum. Il-qorti laqghet it-talba b'digriet tat-3 ta' Lulju 2013;
- **Fil-25 ta' Lulju 2013** rega' ma sar xejn u rrizulta li l-imputat m'huwiex notifikat;
- **Fit-28 ta' Awissu 2013** xehedu Angelus Vella, Jason Said u Silvio Buttieg. Xehed ukoll Dr Martin Bajada.

Waqt is-seduta tal-20 ta' Ottubru 2005 id-difiza talbet li fir-rigward ta' telefonata allegatament maghmula min-numru 79912623 fis-26/5/2005 fis-18.35, isir ezami tal-ilhna. Imbaghad fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2005 iccarat li t-talba hi sabiex *"….t-talba hija fis-sens li t-telefonata kontenuta fis-sessjoni numru 223 tigi mqabbla ma' l-ilna kontenuti fid-dokument GS1 uli allegatament saru minn*

*jew gew ricevuti mit-telefon li ghandu n-numru 79912629"*. B'digriet li nghata **fil-11 ta' Novembru 2005** il-qorti laqghet it-talba u hatret lil Dr Martin Bajada. Fit-18 ta' Novembru 2005 l-espert tekniku pprezenta r-rapport.

Waqt is-seduta tal-11 ta' Novembru 2005 il-Prosekuzzjoni talbet sabiex isir ezami bejn it-telefonati registrati fuq numru 79912629 fid-dati bejn 31 ta' Mejju 2005 u s-6 ta' Gunju 2005 u l-vuci tal-imputat bili l-qorti tordnalu li jaghti sample tal-vuci jew billi tintuza r-recording tax-xhieda li ta fil-kaz **Pulizija vs Angelus Vella**. Ma jirrizultax li l-qorti tat provvediment dwar din it-talba.

Kien fit-2 ta' Marzu 2010 li l-qorti tat inkarigu iehor lil Dr Martin Bajada sabiex jirrelata dwar it-tielet vuci li jissemma fir-rapport tieghu.

Id-dmir tal-Qorti Istruttorja hu li tigbor u tikkonserva l-provi li eventwalment jistghu jintuzaw waqt il-guri jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Il-qorti tosserva li:-

i. Minn meta nghata d-digriet mill-Qorti Kriminali fit-3 ta' Mejju 2007 u ddecidiet li *"kien hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat Lebrun jitqieghed taht att ta' akkuza"*, ghaddew iktar minn sitt (6) snin u l-kaz ghadu pendenti fl-istruttorja;
ii. S'issa l-prosekuzzjoni ghadha ma ddikjaratx li m'ghandix iktar provi;
iii. Tista' tghid ikun hemm seduta kull xahar fejn ir-regola generali hi li ma jsir xejn. Il-qorti ghoddiet hamsa u hamsin (55) seduta mis-17 ta' Mejju 2007, u kienu biss fis-seduti tat-28 ta' Ottubru 2008, 2 ta' Marzu 2010, 29 ta' Ottubru 2007 u 4 ta' Marzu 2011 li nstemghux xhieda. B'kollox instemghu sebgha (7) xhieda li meta tara x'qalu ma kellhomx jiehdu iktar minn zewg (2) seduti. Imbaghad kien hemm seduta ohra fit-28 ta' Awissu 2013 fejn tnejn mix-xhieda invokaw id-dritt ta' silenzju (Jason Said u Angelus Vella) filwaqt li Silvio Buttigieg wiegeb ghad-

domandi izda fl-ebda stadju ma implika lill-imputat bhala persuna li ppartecipat fit-twettiq ta' reat.

iv. Filwaqt li fir-rigward tal-ewwel inkarigu Dr Bajada ha ftit iktar minn sena biex lesta l-inkarigu, fir-rigward tat-tieni inkarigu ghaddew s-snin u ma giex pprezentat l-ebda rapport. Wara li nghata l-inkarigu, mill-verbali ma jirrizultax li l-espert qatt deher ghas-seduta jew jekk deher qatt giet registrata l-presenza tieghu fil-verbali.

v. Fl-atti m'hemm l-ebda digriet tal-Qorti fejn qeghda tissolecita lill-espert sabiex ilest l-inkarigu minnufih u fin-nuqqas li jittiehdu provvedimenti fil-konfront tieghu. Wisq inqas hemm xi provvediment fil-konfront tal-espert;

vi. Prassi kontinwa tal-prosekuzzjoni li ma tipprezentax riferti tax-xhieda li suppost ikunu mharrkin biex jidhru ghas-seduta. Il-qorti ma tifhimx per ezempju kif kellhom ighaddu kwazi tlett snin mid-digriet tal-Qorti Kriminali biex Spettur fil-korp tal-pulizija jixhed u sempliciment jikkonferma li l-imputat hu l-istess persuna li jissemma f'sentenza li giet ezebita mill-prosekuzzjoni. Dan minkejja li x-xhud ripetutament kien qieghed jissemma fir-rinvji tal-Avukat Generali;

vii. Fir-rinviji tal-Avukat Generali kontinwament jissemmew bhala xhieda l-Maggur Inglott u l-Kaptan Debono li skond it-taghrif li kien qieghed jaghti minn zmien ghal zmien l-ufficjal prosekutur kienu assenti minn Malta. Kien biss fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2010 li l-prosekuzzjoni ddikjarat li kienu diga' xehedu. Madankollu fir-rinvji ta' wara jibqa' jissemma isimhom;

viii. Kien fis-6 ta' Settembru 2005 li r-rikorrent tressaq quddiem il-qorti ghall-ewwel darba. Ftit iktar minn xahrejn wara nghata d-digriet tal-qorti istruttorja li ma kienx hemm ragunijiet bizzejjed sabiex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza;

ix. Mill-verbali tas-seduti jirrizulta li kien biss f'zewg seduti li r-rikorrent ilmenta mid-dewmien tal-proceduri. Pero' qatt ma saret talba lill-qorti biex jinghata provvediment;

x. Fir-rigward tar-riferenzi kostituzzjonali li saru fuq talba tar-rikorrent, dan hadu mit-22 ta' Frar 2006 sad-9 ta' Frar 2007 u mid-29 ta' Ottubru 2007 sat-2 ta' April 2008;

Kien biss fis-seduta tat-28 ta’ Awissu 2013 li Dr Martin Bajada ddikjara li m’huwiex f’posizzjoni li jaqdi l-inkarigu tieghu. Fil-fatt f’nota li pprezenta fit-28 ta’ Awissu 2013 jinghad:-

*“Illi sabiex jsir l-analizi mitlub mill-prosekuzzjoni huw mehtieg kampjun tal-vuci ta’ Joseph Lebrun u cioe, kampjun tal-kliem li hemm fir-records tat-tielet vuci u kampjun iehor maghzul mill-esponent.*

*Illi l-esponent kemm-il darba talab sabiex jingahta dan il-kampjun minghand Joseph Lebrun, id-difiza oggezzjonat u baqghet toggezzjona billi dejjem taghmel riferenza ghar-risposta tas-16 ta’ Gunju 2009 li tinsab a fol. 899 u 900.*

*Illi tenut kont in-nuqqas ta’ volonta’ u l-oggezzjoni tal-imputat li jaghti l-kampjun rikjest sabiex ikun jista’, jekk possibbli, issir l-analizi mitlub mill-prosekuzzjoni, l-esponent ab initio qatt ma kien f’posizzjoni jespleta dan l-inkarigu.”*.

Mill-atti ma jirrizultax li dan ‘il fatt qatt ingieb ghall-attenzjoni tal-qorti. Dak li qal l-espert ifisser li dak li l-prosekuzzjoni trid li jsir ma jistax isir jekk ma jkunx hemm il-koperazzjoni tal-imputat u jaghti sample tal-vuci tieghu. Kunsens li l-qorti qeghda tifhem li l-imputat m’ghandux l-ebda intenzjoni li jaghti. Fis-seduta tat-28 ta’ Awissu 2013 Dr Bajada xehed li l-inkarigu li nghata ma jistax iwettqu ghaliex *“voice recognition isir like to like. Jekk mhux ighid l-istess diskros fuq il-hamsa (5) l-ohra ma tistax taghmel voice comparison. Ma tistax tqabbel ghall-argument il-kelma karrozza mal-kelma van ghaliex phonetically ghandhom zewg tifsiriet differenti u kif isir il-comparison, l-ispectogram ma jirrispekjax l-istess wave lenghts tal-vuci”*. Il-qorti ma tistax tifhem kif kellhom ighaddu dawn is-snin kollha sabiex dan it-taghrif jinghata lill-qorti. Ukoll jekk ghall-grazzja tal-argument biss wiehed kellu jargumenta li l-qorti tista’ tordna lill-imputat biex jaghti tali sample[1], il-

[1] F’dan ir-rigward il-qorti taghmel biss riferenza ghal sentenza tal-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea fil-kaz O’Halloran and Francis vs U.K tad-29 ta’ Gunju 2007, fejn hemm rassenja ta’ gurisprudenza dwar tehid ta’ provi b’mod mandatorju.

qorti ma tarax kif dan jista’ jitwettaq jekk l-imputat jibqa’ jirrifjuta li jitkellem.

F’dan il-kaz hemm il-ksur lampanti tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni in kwantu l-imputat m’huwiex jinghata smiegh xieraq fi zmien ragonevoli. Il-qorti m’ghandix ghalfejn toqghod ticcita l-gurisprudenza dwar dawn il-provvedimenti, u tillimita ruhha biex tghid li fil-kawza kriminali:-

(1) M’hemmx prova li dan hu xi kaz tant kumpless li jimmerita dawk is-seduti kollha li saru ghal xejn u trapass ta’ tant snin. Il-qorti tifhem li l-investigazzjoni tal-pulizija setghet ma kenitx facli minhabba li l-kaz jidher li hu mibni fuq provi indizzjarji. Pero’ jekk din hi diffikulta’ ghall-prosekuzzjoni ma jfissirx li l-kaz hu difficli. F’kull kaz il-kumpilazzjoni li saret u li wasslet ghad-digriet tat-23 ta’ Novembru 2005 hi l-aqwa prova dwar in-nuqqas ta’ kumplessita’;

(2) Ma jistax jinghad li kien hemm xi atteggjament tar-rikorrent li wassal biex il-kaz jitwal inutilment, b’eccezzjoni tat-tieni riferenza kostituzzjonali (bejn it-22 ta’ Frar 2006 u 9 ta’ Frar 2007) meqjus li l-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat li t-talba kienet frivola u vessatorja. Jista’ jissemma wkoll in-nuqqas tal-imputat li jipprotesta u jitlob li jinghataw provvedimenti mill-qorti sabiex ma jitkomplix jinhela z-zmien. Dan iktar u iktar meta mid-deposizzjoni ta’ Dr Martin Bajada jidher li l-imputat kien intalab li jaghti sample tal-vuci izda rrifjuta. Ghall-qorti dan jista’ jfisser biss li kien car li l-inkarigu li nghata Dr Bajada ma setax iwettqu minghajr l-koperazzjoni tal-imputat. Mela l-imputat facilment seta’ jitlob l-intervent tal-qorti.

(3) Ghal din il-qorti wara li l-kompilazzjoni nghalqet bid-digriet tat-3 ta’ Mejju 2007, li ghadhom qeghdin isiru rinvji tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 405 tal-Kodici Kriminali, altru milli ecceda kull parametru ta’ smiegh ragonevoli. Dan iktar u iktar meta tqies il-provi li tressqu mill-prosekuzzjoni.

Sfortunatament sal-lum l-Artikolu 405 tal-Kodici Kriminali ma fih l-ebda *capping* dwar kemm-il rinviju jista’ jaghmel l-Avukat Generali. Dan iwassal ghal ripetizzjoni ta’ seduti.

Minkejja li Dr Bajada ghadu ma pprezentax ir-rapport il-qorti ma tifhimx x'inhu izomm lill-Avukat Generali milli johrog l-att ta' akkuza jekk behsiebu li l-kaz imur guri. Dan meta tqies li l-prova tista' issir ukoll fil-kors tas-smiegh tal-kawza wara li l-Avukat Generali jiddeciedi skond l-Artikolu 120A(2) fejn ghandu jsir il-process. Mid-deposizzjoni tas-Supretendent Ciappara hu evidenti li l-prosekuzzjoni hi altru milli konvinta mill-kaz.

Madankollu l-Artikolu 91(3) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li:-

*"Fl-ezercizzju tas-setghat tieghu biex jistitwixxi, jaghmel u jwaqqaf proceduri kriminali u ta' kull setghat ohra moghtija lilu b'xi ligi f'termini li jawtorizzawh li jezercita dik is-setgha fil-gudizzju individwali tieghu l-Avukat Generali ma jkunx suggett ghad-direzzjoni jew kontroll ta' ebda persuna jew awtorità ohra"*.

Bhala rimedju r-rikorrent qieghed jitlob li din il-qorti tordna t-twaqqif tal-kawza kriminali. Fil-fehma tal-qorti dan m'huwiex possibbli in kwantu:-

1) Il-kompilazjoni hi maghluqa u l-Qorti Kriminali ddikjarat li kien hemm ragunijiet bizzejjed sabiex ir-rikorrent jitqieghed taht att ta' akkuza;
2) Legalment ir-rinvji tal-Avukat Generali qeghdin isiru *ai termini* tal-Artikolu 405 tal-Kodici Kriminali. F'dawn il-proceduri m'humiex jigi mpunjat il-validita' ta' provvediment tal-ligi li qieghed jaghti wkoll il-kontribut tieghu ghal dan id-dewmien ezagerat;
3) Il-provi tal-prosekuzzjoni ngabru ghajr ghall-ahhar prova;
4) Il-qorti ma taqbilx ma' rimedju simili meta tqies ukoll li l-imputat sa mill-bidunett kien assistit minn avukati tal-ghazla tieghu. Hu d-dmir tad-difiza li ma tibqax passiva u tiehu sehem attiv fejn tara li l-prosekuzzjoni qeghda tkaxkar saqajha u tahli l-hin, billi tipprotesta u titlob li jinghata provvediment mill-qorti. M'ghandux ikun li d-difiza toqghod tistenna u wara t-trapass ta' snin tohrog bil-proposta li l-proceduri kriminali ghandhom jieqfu.

Ghalhekk ir-rimedju li ser taghti l-qorti hu wiehed monetarju. Hemm ukoll ukoll li l-Avukat Generali jiehu decizjoni finali dwar jekk il-kaz huwiex ser jigi trattat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Gudikatura Kriminali jew mill-Qorti Kriminali. Fil-fehma tal-qorti ma jistax jibqa' jkaxkar saqajh iktar u iktar meta llum hemm ix-xhieda ta' Dr Martin Bajada. Kull gurnata li tghaddi tfisser biss li d-dritt ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli qieghed jinkiser. Fl-istadju li jinsabu l-proceduri kriminali hu l-Avukat Generali li jholl u jorbot, in kwantu jrid jiddeciedi jekk jibqax jitlef iktar zmien bir-rinviji jew jiehu decizjoni finali fejn ghandu jsir il-process. Meqjus li:-

i. minn meta nghata d-digriet mill-Qorti Kriminali fit-3 ta' Mejju 2007 ghaddew iktar minn sitt (6) snin;
ii. Sal-lum ma jirrizultax li l-Avukat Generali ghadu ha decizjoni *ai termini* tal-Artikolu 120A(2) tal-Kap. 101;
iii. Fid-digriet tat-3 ta' Mejju 2007 il-Qorti Kriminali iddikjarat li kien hemm kaz *prima facie* sabiex l-imputat jitqies att ta' akkuza;
iv. Mit-3 ta' Mejju 2007 ftit li xejn sar;

l-qorti ser tordna li l-Avukat Generali jhallas lir-rikorrent is-somma ta' ghaxar ewro (€10) ghal kull gurnata li tghaddi mil-lum sakemm jipprezenta l-att ta' akkuza jew igharraf lill-qorti li l-kaz ghandu jinstema' mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Gudikatura Kriminali.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddiciedi r-rikors billi:-**

**1. Tiddikjara li fil-kaz Il-Pulizija vs Joseph Lebrun (791/05) pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, inkiser u qieghed jinkiser d-dritt fundamentali tar-rikorrenti li jinghata smiegh xieraq fi zmien ragonevoli (Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni).**

**2. Tichad it-tieni talba.**

**3. Bhala rimedju tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrent:-**

**i. Sitt elef ewro (Ewro 6,000).**
**ii. Ghaxar ewro (€10) kuljum b'effett mil-lum sal-gurnata li fiha l-Avukat Generali jipprezenta l-att ta' akkuza kontra l-imputat jew jiddikjara li l-kaz ghandu jinstema' u jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.**

**Spejjez a karigu tal-intimat.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------